



**BANK ĊENTRALI EWROPEW**  
SUPERVIŻJONI BANKARJA

# **II-Metodoloġija SREP ta-MSU**

**[edizzjoni 2015 – aġġornament li jmiss fl-2016]**

**L-Istess Kundizzjonijiet għal Kulħadd – Standards Għoljin ta' Superviżjoni**

**Evalwazzjoni Solida tar-Riskju**

- ✓ **L-istess kundizzjonijiet għal kulħadd:** Għall-ewwel darba, is-SREP sar għal Istituzzjonijiet Sinifikanti skont:
  - **metodoloġija komuni**
  - **proċess komuni ta' teħid ta' deċiżjonijiet** li jippermetti tqabbil bejn istituzzjonijiet simili u analiżi trasversali fuq skala wiesgħa
  
- ✓ **Standards għoljin ta' superviżjoni**
  - Jimxu mal-**linjigwida tal-ABE dwar is-SREP** u jżommu mal-prattika ewlenija fi ħdan il-MSU u skont ir-rakkomandazzjonijiet ta' **korpi internazzjonali**
  - **Proporzjonalità, flessibbiltà u titjib kontinwu**
  - **Deċiżjonijiet superviżorji – mhux rekwiżiti tal-kapital addizzjonali biss iżda wkoll miżuri oħra** mfasslin għan-nuqqasijiet speċifiċi tal-banek
  
- ✓ **Evalwazzjoni solida tar-riskju**
  - **Kombinazzjoni ta' elementi kwantitattivi u kwalitattivi**
  - **Evalwazzjoni ħolistika tal-viġabbiltà tal-istituzzjonijiet** skont l-ispeċifità tagħhom
  - **Perspettiva progressiva**

# Werrej

- 1 SREP – Bażi legali
- 2 SREP – Ħarsa ġenerali
- 3 SREP – Metodoloġija
- 4 SREP – Konklużjonijiet
- 5 SREP – Fejn ninsabu?

## Il-metodoloġija tal-MSU timplimenta l-liġi tal-Unjoni, il-Linjigwida tal-ABE u l-aqwa prattika superviżorja

### Is-SREP fis-CRD IV – Artikolu 97

..... *l-awtoritajiet kompetenti għandhom jirrieżaminaw l-arranġamenti, l-istrategġiji, il-proċessi u l-mekkaniżmi implimentati mill-istituzzjonijiet u jevalwaw:*

- (a) ir-riskji li l-istituzzjonijiet ikunu jew jistgħu jkunu esposti għalihom;*
- (b) ir-riskji li tikkawża l-istituzzjoni għas-sistema finanzjarja; u*
- (c) ir-riskji skoperti mill-ittestjar għal stress b'kont meħud tan-natura, l-iskala u l-kumplessità tal-attivitajiet ta' istituzzjoni.*



### ITS, RTS u Linjigwida tal-ABE


- *Standards Tekniċi Implimentattivi (ITS) dwar deċiżjonijiet konġunti fuq rekwiżiti prudenzjali*
- *Standards Tekniċi Regulatorji (RTS) u ITS dwar il-funzjonament ta' kulleġġi ta' superviżuri*
- *Linjigwida dwar proċeduri u metodoloġiji komuni għas-SREP (EBA/GL/2014/3) – 19 ta' Diċembru 2014*



### Prinċipji tal-Kumitat ta' Basel dwar is-Superviżjoni Bankarja u l-FSB



## Superviżuri fil-BĊE u f'19-il pajjiż flimkien ħejjew deċiżjonijiet SREP għal Istituzzjonijiet Sinifikanti tal-MSU permezz ta' proċess komuni għall-ewwel darba



\* Nota: deċiżjoni finalizzata wara l-proċedura tad-dritt tas-smiġħ u n-nuqqas ta' oġġezzjoni mill-Kunsill Governattiv

### L-infrastruttura bażika nbniel f'inqas minn sena

- Sistema IT integrata komuni
- Fluss ta' informazzjoni sigura bejn is-superviżuri kollha
- Kontrolli tal-kwalità ta' dejta bankarja f'2 livelli: NCAs u BĊE
- Użu sħiħ mir-riżorsi tal-NCAs u I-BĊE
- Testijiet komprensivi tal-metodoloġija f'H2 2014 – Q1 2015

### Is-SREP tqies bħala proġett importanti

- Skeda komuni
- Tmexxija mill-ogħla maniġment
- Ġestjoni tal-proġett, żvilupp tal-metodoloġija u konsistenza orizzontali assigurati mid-DĠ MS IV tal-BĊE
- Użu sħiħ mill-kompetenza tal-BĊE u I-NCAs, I-aktar fl-iżvilupp tal-metodoloġija, permezz ta' gruppi tematiċi ta' ħidma u sessjonijiet Q&A speċifiċi mogħtija mid-DĠ MS IV



- ➔ Is-SREP twettaq **skont** il-pjan
- ➔ Is-sistema IT tas-SREP tlestiet fil-ħin

## Metodu tal-blokki skont il-Linjigwida tal-ABE

### Il-metodoloġija SREP fil-qosor: erba' elementi ewlenin

1. Evalwazzjoni tal-mudell tan-negozju

Vijabbiltà u Sostenibbiltà tan-Negozju

2. Evalwazzjoni tal-governanza u l-ġestjoni tar-riskju

Adegwatezza tal-Governanza u l-Ġestjoni tar-Riskju

3. Evalwazzjoni tar-riskji għall-kapital

Kategoriji: e.g. Riskju tal-kreditu, tas-suq, tal-operat u IRRBB

4. Evalwazzjoni tar-riskji għal-likwidità u l-finanzjament

Kategoriji: e.g. Riskju tal-likwidità għal żmien qasir, Sostenibbiltà tal-finanzjament

Evalwazzjoni SREP globali – Metodu ħolistiku  
→ Skor + Konklużjonijiet razzjonali / ewlenin

#### Deċiżjoni SREP

Miżuri kwantitattivi tal-kapital


Miżuri kwantitattivi tal-likwidità

Miżuri superviżorji oħra



Tidħol fil-Programm tal-Eżami Superviżorju (SEP)

## L-erba' elementi tas-SREP jimxu ma' loġika komuni li tiggarrantixxi evalwazzjoni solida tar-riskju



Id-deċiżjoni fuq l-intensità tal-kompitu superviżorju ssir abbażi tal-profil tar-riskju u d-daqs tal-banek.



## Ġudizzju ristrett (*Constrained judgement*)

- Flessibbiltà ġusta fi skala ta' erba' gradi fejn l-iskor tal-Fażi 2 jista' jitle' grad jew jinżel żewġ gradi abbażi tal-ġudizzju superviżorju
- Jiggarantixxi bilanċ ġust bejn:
  - proċess komuni, li jiżgura konsistenza fost il-banek tal-MSU u jiddefinixxi punt ta' ankraġġ
  - u l-ġudizzju superviżorju meħtieġ, li jqis l-ispeċifitàjiet u l-kumplessità ta' istituzzjoni
- L-aġġustamenti jsiru fiż-żewġ direzzjonijiet u jiġu dokumentati kollha mill-JSTs fis-sistema IT integrata
- Bħala regola, devjazzjoni mill-ġudizzju ristrett ma tiġix awtorizzata
- Il-ġudizzju ristrett jintuża ***b'mod effettiv*** mill-JSTs għall-kategoriji ***kollha*** tar-riskju ***fiż-żewġ direzzjonijiet*** biex itejjeb jew inaqqas l-iskors tal-Fażi 2

**Skala tal-ġudizzju ristrett**

		Skors tal-Fażi 3			
		1	2	3	4
Skors tal-Fażi 2	1				
	2				
	3				
	4				

Skor tal-Fażi 3 possibbli  
 Skor tal-Fażi 3 impossibbli

### Mudell tan-Negozju

- Identifikazzjoni tal-oqsma ta' interess (e.g. attivitajiet ewlenin)
- Evalwazzjoni tal-ambjent tan-negozju
- Analiżi tal-pjanijiet strateġiċi u t-tbassir finanzjarju
- Evalwazzjoni tal-mudell tan-negozju:
  - vijabbiltà (sa sena)
  - sostenibbiltà (sa 3 snin)
  - sostenibbiltà matul il-perjodu (iżjed minn 3 snin)
- Evalwazzjoni tan-nuqqasijiet ewlenin


#### Eżempji ta' Mudelli tan-Negozju identifikati

- Depożitarju (kustodju)
- Sellief diversifikat (gruppi differenti ta' klijenti)
- Sellief bl-imnut (klijenti żgħar)
- Bank universali żgħir
- Sellief speċjalizzat (grupp partikolari ta' klijenti)
- Bank universali



**Skont il-Linjigwida SREP  
tal-ABE, § 55-57**

### Mudell tan-Negozju



#### Fażi 1

- Ġbir ta' informazzjoni u għarfien tal-materjalità tal-oqsma tan-negozju

#### Fażi 2

- Skor awtomatiku ta' ankraġġ abbażi ta' indikaturi, bħar-redditu fuq l-assi (ROA), il-proporzjon bejn il-Kost u d-Dħul ...

#### Fażi 3

- Analiżi komprensiva
- Tintuża biex taġġusta l-iskor tal-Fażi 2 billi tqis l-ispeċifitajiet tal-bank

### Governanza Interna u Ġestjoni tar-Riskju

- Qafas tal-governanza interna (jinkludi funzjonijiet ewlenin ta' kontroll bħall-ġestjoni tar-riskju, verifika interna, konformità)
- Qafas tal-ġestjoni tar-riskju u kultura tar-riskju
- Infrastruttura tar-riskju, dejta interna u rappurtar
- Politika u prattika tar-remunerazzjoni

#### Żewġ eżempji ta' Mistoqsijiet importanti

- Teżisti xi funzjoni ta' konformità li hija separata b'mod ġerarkiku u funzjonali kif ukoll indipendenti b'mod operattiv minn kwalunkwe responsabbiltà tal-attività tan-negozju?
- Jeżistu mekkaniżmi biex jiżguraw li l-oġġla maniġment jista' jaġixxi fil-ħin biex jikkontrolla b'mod effettiv, u fejn ikun meħtieġ itaffi, skoperturi għar-riskju avversi materjali, b'mod partikolari dawk li joqorbu lejn jew jaqbżu d-dikjarazzjoni approvata tal-aptit għar-riskju jew il-limiti tar-riskju?



**Skont il-Linjigwida SREP  
tal-ABE, § 81-82**

## Governanza Interna u Ġestjoni tar-Riskju



### Fażi 1

- **Ġbir ta' informazzjoni e.g. mir-rieżami tematiku tal-governanza interna**

### Fażi 2

- **Verifika tal-konformità mal-provedimenti tad-Direttiva dwar ir-Rekwiżiti tal-Kapital (CRD)**
- **Analiżi speċifika ta' e.g.:**
  - struttura organizzattiva
  - verifika interna
  - konformità
  - remunerazzjoni
  - aptit għar-riskju
  - infrastruttura tar-riskju
  - rappurtar ...

### Fażi 3

- **Analiżi komprensiva**
- **Tintuża biex taġġusta l-verifika tal-Fażi 2 skont l-ispeċifikitajiet tal-bank**

## Riskji għall-Kapital

Tliet perspettivi differenti (“3 Blokki”)			Għas-SREP 2015
<p><b>Blokk 1</b> Perspettiva superviżorja</p> <p>Erba’ kategoriji ta’ riskju: tal-kreditu, tas-suq, tal-operat, IRRBB</p> <ul style="list-style-type: none"> <li>✓ Ġbir ta’ informazzjoni</li> <li>✓ Skors ta’ ankraġġ għall-kategoriji tar-riskju</li> <li>✓ Analiżi komprensiva</li> </ul>	<p><b>Blokk 2</b> Perspettiva tal-bank</p> <ul style="list-style-type: none"> <li>✓ Ġbir ta’ informazzjoni: e.g. rapporti ICAAP</li> <li>✓ Evalwazzjoni ta’ ankraġġ: bi <i>proxies</i> skont il-Linjigwida tal-ABE*</li> <li>✓ Analiżi komprensiva</li> </ul>	<p><b>Blokk 3</b> Perspettiva progressiva</p> <ul style="list-style-type: none"> <li>✓ Ġbir ta’ informazzjoni: testijiet tal-istress interni tal-bank</li> <li>✓ Evalwazzjoni ta’ ankraġġ: testijiet tal-istress superviżorji</li> <li>✓ Analiżi komprensiva</li> </ul>	<ul style="list-style-type: none"> <li>➤ L-ikbar piż fuq Blokk 1</li> <li>➤ Ħafna eteroġeneità fir-riżultati tal-evalwazzjoni ta’ Blokk 2</li> <li>➤ Blokk 3 għadu mhux definit għalkollox</li> </ul>



**Skont il-Linjigwida SREP tal-ABE**

\* Il-proxies tal-MSU jimplimentaw il-kunċett ta’ parametri superviżorji stipulati fil-Linjigwida tal-ABE dwar is-SREP ( § 335)

## Riskji għall-Kapital – Blokk 1



➔ Stħarriġ bir-reqqa f'fattur ta' riskju partikolari: **riskju tal-kreditu** (eżempju)

Fażi 1	Fażi 2	Fażi 3
<ul style="list-style-type: none"> <li>➤ <b>Livell tar-Riskju:</b> <ul style="list-style-type: none"> <li>• Subsett ta' indikaturi definiti bil-quddiem abbażi ta' dejta tal-ITS u I-STE</li> </ul> </li> <li>➤ <b>Kontroll tar-Riskju:</b> <ul style="list-style-type: none"> <li>• Ġbir ta' informazzjoni</li> </ul> </li> </ul>	<ul style="list-style-type: none"> <li>➤ <b>Livell tar-Riskju:</b> <ul style="list-style-type: none"> <li>• Skor awtomatiku mogħti minn dimensjonijiet differenti, bħal:               <ul style="list-style-type: none"> <li>• Kwalità (e.g. proporzjon tas-self improduktiv - NPL)</li> <li>• Kopertura (e.g. provvedimenti)</li> </ul> </li> </ul> </li> <li>➤ <b>Kontroll tar-Riskju:</b> <ul style="list-style-type: none"> <li>• Verifiki ta' konformità relatati ma' governanza interna, aptit għar-riskju, ġestjoni tar-riskju u verifika interna tar-riskju tal-kreditu b'mod partikolari</li> </ul> </li> </ul>	<ul style="list-style-type: none"> <li>➤ <b>Livell tar-Riskju:</b> <ul style="list-style-type: none"> <li>• <b>Analiżi komprensiva, e.g.:</b> <ul style="list-style-type: none"> <li>• Pożizzjoni u tendenza tar-riskju attwali</li> <li>• Ħarsa 'l quddiem</li> <li>• Tqabbil ma' istituzzjonijiet simili</li> </ul> </li> <li>• <b>Analiżi bir-reqqa ta' bosta subkategoriji, e.g.:</b> <ul style="list-style-type: none"> <li>• Portafolli korporattivi mhux finanzjarji jew</li> <li>• Portafolli ta' individwi</li> </ul> </li> </ul> </li> <li>➤ <b>Kontroll tar-Riskju:</b> <ul style="list-style-type: none"> <li>• Analiżi iżjed profunda, partikolarment permezz ta' laqgħat speċifiċi mal-bank</li> </ul> </li> </ul>

### Riskji għall-Kapital – Blokk 2


- Evalwazzjoni tal-affidabbiltà tal-ICAAP
- Wara l-aspettattivi tal-BĊE dwar l-ICAAP ippubblikati fit-08.01.2016, il-JSTs
  - jevalwaw l-affidabbiltà tal-proċess kollu – *evalwazzjoni kwalitattiva*
  - jivverifikaw il-validità taċ-ċifri tal-ICAAP mal-*proxies* tal-MSU – *evalwazzjoni kwantitattiva*
  - joħorġu bl-evalwazzjoni ta' Blokk 2 biex idaħħlu l-evalwazzjoni globali tal-adeqwatezza tal-kapital

#### Aspettattivi tal-BĊE dwar l-ICAAP

- Kontenut deskritt fl-abbozz tal-Linjigwida tal-ABE jintbagħat sal-aħħar ta' April 2016 bid-data ta' referenza tal-31.12.2015
- Dokumentazzjoni interna flimkien ma' "manwal għall-qarrejja"
- Formola tad-dejta tar-riskju
- Rikonċiljazzjoni bejn iċ-ċifri tal-Pilastru 1 u tal-ICAAP
- Konklużjonijiet fis-sura ta' dikjarazzjonijiet tal-adeqwatezza tal-kapital sostnuti b'analiżi tar-riżultati tal-ICAAP u ffirmati mill-korp maniġerjali



## ICAAP – Evalwazzjoni kwalitattiva



Dokumenti interni tal-bank kif stipulat fil-Linjigwida tal-ABE

Immappjat skont l-istruttura tal-Linjigwida tal-ABE biex iħaffef l-aċċess tal-JSTs għall-informazzjoni interna tal-bank

Evalwazzjoni tal-JST

→ **ICAAP affidabbli? (iva/le)**

## ICAAP – Evalwazzjoni kwantitattiva

### Dejta tar-riskju ICAAP

Definizzjoni tar-riskju u kalkoli tal-ICAAP skont il-klassifikazzjoni tar-riskju tal-bank stess

Mapping of internal risk categories to SSM risk map and information on internal capital

Please provide the information and data only as internally available. Do not change or produce internal numbers only for filling column 1.5 of the template. If the cell is not applicable to the institution, please complete as "na" for not applicable. Only white cells can be filled in.

SSM Risk Map		ICAAP information				
1.1 Risk categories	1.2 Risk sub-category (hereof...)	1.3 Name of internal risk category as currently covered in ICAAP (please use categories and sub-categories as available internally and map them to the given risk categories and sub-categories as possible for risk categories or sub-categories not covered in the SSM risk map (please use the rows named "other"))	1.4 Short description of internal Risk category (including sub-categories that may be included)	1.5 ICAAP estimate - internal capital needed (by view) in EUR (please only provide numbers as internally available)	1.6 Have there been material changes in scope or quantification methodology for this risk category / sub-category since the last reporting date? (y/n)	1.7 PI link to document
<b>Credit risk</b>						
	credit risk (please use this row in case several sub-categories are quantified together, i.e. no separate estimates are available)					
	default risk					
	credit concentration risk					
	FX lending risk					
	Securitisation risk					
	Country risk (includes transfer & other risks)					
	settlement and delivery risk					
	residual risk					
	migration risk					



### Proxies\*

- Jikkwantifikaw bejn wieħed u ieħor il-ħtiġijiet ta' kapital
- Jippermettu lill-JSTs jaraw il-kalkoli tal-istituzzjoni f'perspettiva u jsaħħu d-djalogu superviżorju
- Ma jagħtux ċifra unika tar-riskju iżda firxiet indikattivi biex il-JSTs ikunu jistgħu joħorġu ċifri tal-ħtiġijiet ta' kapital skont ir-riskju individwali abbażi tal-ġudizzju tagħhom



### Evalwazzjoni

Ċifra aġġustata tal-kapital intern (rekwiżiti tal-kapital)

- Pilastru 1 bħala bażi
- Riskji evalwati individwalment

**Djalogu mal-Banek**

\* Riskju tal-konċentrazzjoni (kontroparti unika jew settur limitat), tas-suq, tal-kreditu, IRRBB

## Riskji għall-Kapital – Blokk 3

- Perspettiva progressiva
- FI-2016 qegħdin jitħejjew żewġ eżerċizzji ta' testijiet tal-istress fuq skala kbira

Karatteristiċi	Test tal-Istress tal-ABE fl-UE	Test tal-Istress tas-SREP
Firxa	<ul style="list-style-type: none"><li>• <b>38</b> Istituzzjoni Sinifikanti tal-MSU</li></ul>	<ul style="list-style-type: none"><li>• Il-bqija tal-Istituzzjonijiet Sinifikanti* <i>* Eċċezzjonijiet possibbli – għaddejja ħidma ta' tnejn</i></li></ul>
Skeda	<ul style="list-style-type: none"><li>• Bidu tal-eżerċizzju: <b>l-aħħar ta' Frar 2016</b></li><li>• Pubblikazzjoni: <b>bidu ta' Q3 2016</b></li></ul>	<ul style="list-style-type: none"><li>• Taqbel b'mod ġenerali mat-Test tal-Istress tal-ABE</li></ul>



Ir-riżultati taż-żewġ eżerċizzji se jidħlu fis-SREP

### Perspettivi diversi tar-riskju għall-adekwatezza tal-kapital

- Wara li l-JST jevalwa t-**tliet blokki**, ikollu stampa tal-ħtiġijiet ta' kapital tal-istituzzjoni minn **tliet angoli komplementari**.
- Ikun jista' jqabbel il-ħtiġijiet ta' kapital mal-kwantità u l-kwalità ta' kapital li jkollha l-istituzzjoni u li tkun qiegħda tippjana li tiġbor fil-gejjeni.

#### 3 Perspettivi għall-evalwazzjoni tal-adekwatezza tal-kapital

**Blokk 1**  
Perspettiva  
superviżorja

**Blokk 2**  
Perspettiva  
tal-bank

**Blokk 3**  
Perspettiva  
progressiva

## Riskji għal-Likwidità

### Tliet perspettivi differenti (“3 Blokki”)

#### Blokk 1 Perspettiva superviżorja

- Likwidità għal żmien qasir, sostenibbiltà tal-finanzjament
- ✓ Ġbir ta' informazzjoni
- ✓ Skors ta' ankraġġ tar-riskji tal-likwidità għal żmien qasir u tas-sostenibbiltà tal-finanzjament
- ✓ Analiżi komprensiva

#### Blokk 2 Perspettiva tal-bank

- ✓ Ġbir ta' informazzjoni: e.g. rapporti ILAAP
- ✓ Evalwazzjoni ta' ankraġġ: verifika tal-validità tal-kalkoli interni tal-istituzzjoni
- ✓ Analiżi komprensiva: e.g. tal-affidabbiltà tal-ILAAP

#### Blokk 3 Perspettiva progressiva

- ✓ Ġbir ta' informazzjoni: testijiet tal-istress interni tal-bank
- ✓ Evalwazzjoni ta' ankraġġ: testijiet tal-istress superviżorji
- ✓ Evalwazzjoni tar-riżultati tat-testijiet tal-istress superviżorji u tat-testijiet tal-istress interni tal-bank

#### Għas-SREP 2015

- ✓ L-ikbar piż fuq Blokk 1
- ✓ Blokk 2 għadu mhux definit għalkollox
- ✓ Blokk 3 għadu mhux definit għalkollox



Skont il-Linjigwida SREP tal-ABE, § 370-373

## Riskji għal-Likwidità – Blokk 1



➔ Stħarriġ bir-reqqa f'fattur ta' riskju partikolari: **Likwidità għal żmien qasir** (eżempju)

Fażi 1	Fażi 2	Fażi 3
<ul style="list-style-type: none"> <li>➤ <b>Livell tar-Riskju:</b> <ul style="list-style-type: none"> <li>• Subsett ta' indikaturi definiti bil-quddiem abbażi ta' dejta tal-ITS u I-STE</li> </ul> </li> <li>➤ <b>Kontroll tar-Riskju:</b> <ul style="list-style-type: none"> <li>• Ġbir ta' informazzjoni</li> </ul> </li> </ul>	<ul style="list-style-type: none"> <li>➤ <b>Livell tar-Riskju:</b> <ul style="list-style-type: none"> <li>• Skor awtomatiku li joħroġ minn bosta indikaturi bħal:                             <ul style="list-style-type: none"> <li>• Proporzjon tal-Kopertura tal-Likwidità (LCR)</li> <li>• finanzjament għal żmien qasir / finanzjament totali</li> </ul> </li> </ul> </li> <li>➤ <b>Kontroll tar-Riskju:</b> <ul style="list-style-type: none"> <li>• Verifiki tal-konformità relatati ma' governanza interna, aptit għar-riskju, ġestjoni tar-riskju u verifika interna</li> </ul> </li> </ul>	<ul style="list-style-type: none"> <li>➤ <b>Livell tar-Riskju:</b> <ul style="list-style-type: none"> <li>• <b>Analiżi iżjed profonda:</b> <ul style="list-style-type: none"> <li>• riskju tal-finanzjament tal-operaturi għal żmien qasir</li> <li>• riskju tal-ġurnata</li> <li>• kwalità tal-bafers tal-likwidità</li> <li>• diskrepanza strutturali fil-finanzjament</li> </ul> </li> </ul> </li> <li>➤ <b>Kontroll tar-Riskju:</b> <ul style="list-style-type: none"> <li>• Analiżi iżjed profonda, partikolarment permezz ta' laqgħat speċifiċi mal-bank</li> </ul> </li> </ul>

### Riskji għal-Likwidità – Blokk 2 u 3

- Evalwazzjoni tal-affidabbiltà tal-ILAAP
- Wara l-aspettattivi tal-BĊE dwar l-ILAAP ippubblikati fit-08.01.2016, il-JSTs
  - jevalwaw l-affidabbiltà tal-proċess kollu – *evalwazzjoni kwalitattiva*
  - jivverifikaw il-validità tal-ħtiġijiet tal-ILAAP u l-ipotesijiet tat-testijiet tal-istress mal-*proxies* tal-MSU – *evalwazzjoni kwantitattiva*
  - joħorġu bl-evalwazzjoni ta' blokk 2 u 3 biex idaħħlu l-evalwazzjoni globali tal-adeqwatezza tal-likwidità

#### **Superviżjoni Bankarja tal-BĊE: Prijoritajiet tal-MSU għall-2016 (silta)**


##### **Likwidità**

Il-Proċess Superviżorju ta' Rieżami u Evalwazzjoni 2015 wera li xi banek għad mhumiex jissodisfaw għalkollox l-aspettattivi superviżorji dwar il-ġestjoni solida tar-riskji tal-likwidità. Il-MSU għalhekk se jiffoka fuq l-affidabilità tal-Proċessi ta' Evalwazzjoni Interna tal-Adegwatezza tal-Likwidità (ILAAP) tal-banek. Se jiġi eżaminat bir-reqqa l-progress tal-banek fl-implimentazzjoni u ż-żamma ta' oqfsa solidi għall-ġestjoni tar-riskju tal-likwidità u l-finanzjament, kemm f'sitwazzjoni ta' negozju avvjat kif ukoll f'ċirkostanzi diffiċli.

#### **Aspettattivi tal-BĊE dwar l-ILAAP**

- Kontenut deskritt fl-abbozz ta' Linjigwida tal-ABE jintbagħat sa tmiem April 2016 bid-data ta' referenza ta' tmiem is-sena ta' qabel
- Dokumentazzjoni interna flimkien ma' "manwal għall-qarrejja"
- Evalwazzjoni proprja
- Konklużjonijiet fis-sura ta' dikjarazzjonijiet tal-adeqwatezza tal-likwidità sostnuti minn analiżi tar-riżultati tal-ILAAP u ffirmati mill-korp maniġerjali

### ILAAP – Evalwazzjoni kwalitattiva



Dokumenti interni tal-bank kif stipulat fil-Linjigwida tal-ABE

Immappjat skont l-istruttura tal-Linjigwida tal-ABE biex iħaffef l-aċċess tal-JSTs għall-informazzjoni interna tal-bank

Evalwazzjoni tal-JST

→ **ILAAP affidabbli? (iva/le)**



### L-evalwazzjoni SREP globali (stampa ħolistika)


- Tipprovdi ħarsa ġenerali sintetika tal-profil tar-riskju ta' istituzzjoni:
  - Abbażi tal-evalwazzjoni tal-erba' elementi (mhux is-somma sempliċi tagħhom)
  - Bħala punt ta' tluq l-erba' elementi tas-SREP jitqiesu bl-istess importanza
- Tqis:
  - I-ippjanar tal-kapital/likwidità tal-istituzzjoni biex tiggarrantixxi trajettorja solida lejn l-implimentazzjoni sħiħa tad-Direttiva/Regolament dwar ir-Rekwiżiti tal-Kapital (CRD IV/CRR)
  - it-tqabbil ma' istituzzjonijiet simili
  - I-ambjent estern li taħdem fih l-istituzzjoni

*Skont il-Linjigwida SREP tal-ABE (tabella 13, pp. 170 u 171) l-iskor globali tas-SREP jirrifletti l-evalwazzjoni globali tas-superviżur tal-vijabbiltà tal-istituzzjoni: skors għoljin jirriflettu żieda fir-riskju għall-vijabbiltà tal-istituzzjoni li toriġina minn xi karatteristika jew karatteristiċi tal-profil tar-riskju tagħha, fosthom il-mudell tan-negozju, il-qafas tal-governanza interna u riskji individwali għall-pożizzjoni ta' solvenza jew likwidità tagħha*

Il-profil tar-riskju ta' istituzzjoni għandu **bosta faċċati**, u ħafna fatturi tar-riskju huma **relatati bejniethom**.

## Trattament konsistenti u ġust

- **Analiżi orizzontali wiesgħa** ssir waqt it-tnejn tal-evalwazzjonijiet u d-deċiżjonijiet sabiex tipprovdi:
  - Perspettivi oħra għall-JSTs
  - Sostenn għad-diskussjonijiet dwar il-linji politiċi u l-proċess tad-deċiżjonijiet




Għall-ewwel darba seta' jsir tqabbil bejn istituzzjonijiet simili u analiżi trasversali wiesgħa biex l-istituzzjonijiet kollha jiġu evalwati b'**mod konsistenti** u b'hekk jithegħeġ **suq bankarju uniku iżjed integrat**.

### Is-SREP globali huwa l-bażi għall-evalwazzjoni tal-adegwatezza tal-kapital u l-likwidità u għat-teħid ta' miżuri superviżorji meħtieġa biex jiġi indirizzat kwalunkwe tħassib

- Deċiżjonijiet SREP tal-Bord Superviżorju (segwiti mill-proċedura ta' nuqqas ta' oġġezzjoni tal-Kunsill Governattiv)
- Id-deċiżjonijiet SREP jistgħu jinkludu:
  - **Rekwiżiti addizzjonali ta' fondi proprji**
    - FI-2015 issarrfu bħala suppliment tal-proporzjon CET1 (żieda fuq il-proporzjon minimu CET1)
    - Rakkomandazzjoni biex jiġu definiti bħala proporzjonijiet “fully-loaded”
  - **Rekwiżiti kwantitattivi ta' likwidità għal istituzzjonijiet individwali**
    - Proporzjon tal-kopertura tal-likwidità (LCR) ogħla mill-minimu regolatorju
    - Perjodi itwal ta' sopravivenza
    - Miżuri nazzjonali
  - **Miżuri superviżorji kwalitattivi, oħrajn**
    - Miżuri superviżorji addizzjonali li joriġinaw mill-Artikolu 16(2) tar-Regolament MSU huma e.g. ir-restrizzjoni jew il-limitazzjoni tan-negozju, il-ħtieġa ta' tnaqqis tar-riskji u l-impożizzjoni ta' obbligi tar-rappurtar addizzjonali jew aktar spissi



## Deċiżjoni SREP – Miżuri tal-kapital



### Fokus fuq I-MDA\* (skont l-Opinjoni ABE tat-18 ta' Diċembru 2015)

- ✓ *Stacking order*: Pilastru 1, Pilastru 2 Nett, bafers
- ✓ FI-2015: rekwiżiti tal-Pilastru 2 u bafers (tal-bidu) fis-CET1
- ✓ Il-kapital CET1 li għandu jitqies għall-kalkolu tal-MDA hu limitat għall-ammont li ma jkunx intuża biex jiġu sodisfatti r-rekwiżiti CET1 tal-Pilastru 1 u 2

*\*Ammont massimu li jista' jitqassam (Maximum Distributable Amount):*

*Il-ksur tar-rekwiżit ta' bafer kombinat (CBR), definit bħala s-somma tal-bafers applikabbli, iwassal għal restrizzjonijiet mandatorji fuq it-tqassim (e.g. dividendi, ħlasijiet tal-kupun fuq strumenti tal-kapital AT1, bonusijiet diskrezzjonali). Bank li ma jissodisfax is-CBR tiegħu jiġi awtomatikament projbit milli jqassam iżjed mill-ammont massimu li jista' jitqassam (MDA). L-MDA huwa l-qligħ ta' bank li jista' jitqassam immultiplikata b'fattur li jvarja bejn 0.6 u 0, skont kemm ikun hemm kapital CET1 nieqes biex jissodisfa s-CBR.*

### Deċiżjoni SREP – Miżuri tal-likwidità

Dwar ir-rekwiżiti superviżorji tal-likwidità ta' istituzzjonijiet individwali għall-2015:

- Ir-rekwiżiti tal-Proporzjon tal-Kopertura tal-Likwidità (LCR) daħlu fis-seħħ fl-01.10.2015
- L-evalwazzjoni tal-likwidità tqis l-evalwazzjoni kwalitattiva u kwantitattiva, fosthom standards bħal:
  - profil tal-finanzjament
  - perjodu ta' sopravivenza
  - assi likwidi
  - affidabbiltà fuq finanzjament tal-operaturi għal żmien qasir disponibbli

#### Eżempju ta' miżuri speċifiċi tal-likwidità


- ✓ ħtieġa ta' LCR ikbar mill-minimu regolatorju
- ✓ ħtieġa ta' perjodu minimu speċifiku ta' sopravivenza
- ✓ ħtieġa ta' ammont minimu ta' assi likwidi

### Deċiżjoni SREP – Miżuri superviżorji oħra

#### **L-Artikolu 16(2) tar-Regolament MSU**

Il-BĊE għandu s-setgħat li ġejjin:

- (a) jitlob l-istituzzjonijiet iżommu fondi proprji iżjed mir-rekwiżiti tal-kapital;
- (b) jitlob li jissaħħu d-dispożizzjonijiet, proċessi, mekkaniżmi u strateġiji;
- (c) jitlob l-istituzzjonijiet jippreżentaw pjan li jgħib lura l-konformità ma' rekwiżiti superviżorji u jistabbilixxi data ta' skadenza għall-implimentazzjoni tiegħu, (...);
- (d) jitlob l-istituzzjonijiet japplikaw politika speċifika ta' provediment jew trattament tal-assi fit-termini tar-rekwiżiti tal-fondi proprji;
- (e) jirrestrinġi jew jillimita n-negozju, l-operazzjonijiet jew in-netwerk tal-istituzzjonijiet jew jitlob iċ-ċessjoni ta' attivitajiet li jgħibu magħhom riskji eċċessivi għas-solidità tal-istituzzjoni;
- (f) jitlob li jitnaqqas ir-riskju inerenti fl-attivitajiet, prodotti u sistemi tal-istituzzjonijiet;
- (g) jitlob l-istituzzjonijiet jillimitaw ir-remunerazzjoni varjabbli (...);
- (h) jitlob l-istituzzjonijiet jużaw il-qliġ nett biex isaħħu l-fondi proprji;
- (i) jirrestrinġi jew jipprojbixxi t-tqassim lill-azzjonisti, membri jew parteċipanti fi strumenti tal-Grad 1 addizzjonali fejn il-projbizzjoni ma tikkostitwix avveniment ta' inadempjenza min-naħa tal-istituzzjoni;
- (j) jimponi rekwiżiti ta' rappurtar addizzjonali jew aktar spissi (...);
- (k) jimponi rekwiżiti speċifiċi tal-likwidità, fosthom restrizzjonijiet fuq diskrepanzi fil-maturità bejn l-assi u l-obbligazzjonijiet;
- (l) jitlob divulgazzjoni addizzjonali;
- (m) ineħħi membri b'terminu mill-korp maniġerjali ta' istituzzjonijiet tal-kreditu



## Djalogu orizzontali mal-industrija:

- ✓ Laqgħat regolari bejn l-assoċjazzjonijiet tal-banek u DĠ MS IV
- ✓ Gruppi ta' diskussjoni mal-Istituzzjonijiet Sinifikanti kollha

## Informazzjoni pubblika:

- ✓ Publikazzjoni ta' "Gwida għas-superviżjoni bankarja"
- ✓ Publikazzjoni ta' pożizzjonijiet tal-BĊE (e.g. dwar l-MDA, ir-remunerazzjoni, eċċ.)
- ✓ Diskorsi tal-President u l-Viċi President tal-Bord Superviżorju
- ✓ Ittri lil MEPs, laqgħat u skambji ta' opinjonijiet ma' MEPs

## Djalogu kontinwu mal-banek:

- ✓ Programm ta' Eżami Superviżorju (SEP)
- ✓ Laqgħat bejn il-banek u l-JSTs (l-aktar qabel deċiżjoni SREP)
- ✓ Deċiżjonijiet SREP (dritt għas-smiġħ)

## Il-banek għandhom


- ✓ iċ-ċarezza meħtieġa biex jifhmu l-metodoloġija, l-evalwazzjoni tar-riskju u biex jieħdu l-miżuri ħalli jitjiebu;
- ✓ iċ-ċertezza meħtieġa biex jagħmlu l-pjanijiet għall-kapital tagħhom.



- Il-livell globali tar-riskji għall-Istituzzjonijiet Sinifikanti fl-2015 ma naqasx meta jitqabbel mal-2014  
→ Il-kapital tas-sistema bankarja jeħtieġu jinżamm u, f'ċerti każijiet, jissaħħaħ
- **Ir-rekwiżiti globali tal-kapital żdiedu b'50 punt bażi (bps) mill-2015 għall-2016**
  - ✓ Ħafna banek għadhom qegħdin jirkupraw mill-kriżi finanzjarja tal-2012 u għadhom jiffaċċjaw riskji u diffikultajiet. F'dan ir-rigward, imqabbla mal-2015, il-medja tar-rekwiżiti tal-Pilastru 2 żdiedet bi 30 bps.
  - ✓ **Il-bafers sistemiċi tal-bidu** jirrappreżentaw it-tieni parti taż-żieda fir-rekwiżiti tal-kapital (20 bps).


## Riskji ewlenin għal Istituzzjonijiet Sinifikanti

L-adattament tal-mudell tan-negozju tal-banek f'ambjent ta' rati tal-imgħax baxxi kien il-problema ewlenija impatt




## Riżultati SREP 2015: skor globali

Medja tal-impatt CET1 tas-SREP\*\* (2015 vs 2014)



Medja tar-rekwiżiti CET1 2015




\* għadd żgħir ta' banek f'din il-kategorija (skor globali: 1) iwassal għal volatilità qawwija

\*\* minbarra l-bafers tar-riskju sistemiku



## Il-biċċa l-kbira tal-Istituzzjonijiet Sinifikanti bħalissa għandhom livelli ta' kapital ogħla mir-rekwiżiti CET1 u l-buffers




Rekwiżiti tal-proporzjon CET 1 (bidu 2016)  
= Pilastru 1 + Pilastru 2 + Bafers (mingħajr  
il-limitu ta' twissija bikrija ta' 25 bps)

- Banek bi provvista CET1 iżjed mir-rekwiżiti CET1 u l-proporzjon tal-limitu ta' twissija bikrija
- Banek bi provvista CET1 iżjed mir-rekwiżiti CET1 iżda inqas mill-proporzjon tal-limitu ta' twissija bikrija ta' 25bps
- Banek bi provvista CET1 inqas mir-rekwiżiti CET1

*Nota: il-livell tal-provvista CET1 ristrett biex jinqara aħjar*

- Il-medja tar-rekwiżiti CET1 tas-SREP\* tal-Istituzzjonijiet Sinifikanti hija madwar 9.9%
- Il-medjan tar-rekwiżiti CET1 tas-SREP\* tal-Istituzzjonijiet Sinifikanti huwa madwar 9.7%
- Ir-rekwiżiti CET1 tas-SREP ġew armonizzati bħala parti mis-SREP 2015 b'rekwiżiti tal-Pilastru 2 CET1 iżjed konsistenti u sensittivi għar-riskju


### Distribuzzjoni tal-impatti tar-rekwiżiti CET1 tas-SREP<sup>(1)</sup> (2015 vs 2014)



<sup>(1)</sup> Minbarra l-bafers tar-riskju sistemiku

\* minbarra l-bafers tar-riskju sistemiku

Bl-istess kundizzjonijiet, ir-rekwiżiti tal-Pilastru 2 stipulati fid-deċiżjonijiet SREP 2015 jagħtu wkoll indikazzjoni għall-ġejjieni; b'mod speċjali l-bafer tal-konservazzjoni tal-kapital se jidhrol gradwalment sal-2019 filwaqt li r-rekwiżit nett tal-Pilastru 2 għandu jonqos bl-istess mod.



Jeskludi l-bafer kontroċikliku u jnaqqas il-bafers sistemiċi differenti minn tlieta għal wieħed għas-sempliċità

## L-ewwel ċiklu SREP seta' jsir b'mod effiċjenti u ħeġġeġ l-istess kundizzjonijiet għal kulħadd

### ➤ Armonizzazzjoni sinifikanti

- Il-ġudizzju ristrett intuża b'mod effettiv
- Kien hemm korrelazzjoni aqwa bejn il-profil tar-riskju tal-istituzzjonijiet u r-rekwiżiti tal-kapital

### ➤ FI-2016 il-metodoloġija SREP se tiġi rfinata f'ċerti aspetti, e.g.

- L-evalwazzjoni tar-riskju tal-likwidità u l-finanzjament
- Qafas iżjed armonizzat għall-evalwazzjoni tal-ICAAP
- It-testijiet tal-istress tal-2016 li qegħdin jitħejjew

### ➤ Għall-ġejjieni, il-metodoloġija SREP se tkompli tevolvi biex tissorvelja b'mod adegwat l-attivitajiet u r-riskji bankarji b'mod progressiv

